# Beati u Qaddisin....Marzu

## 1. ta' Marzu San Kazimiru   Prinċep: 1458 - 1484

Fil-palazz rjali gewwa Krakovja fil-Polonja, twieled fit-3 ta' Ottubru, it-tielet fost it-tlettax -il ulied, Kazimiru. Missieru kien ir-re Kazimiru IV tal-Polonja u ommu jisimha Elizabetta, principessa tal-Polonja. Ircieva edukazzjoni religjuza u Dun Gwann Dlugosz, bniedem ta' spiritwalita kbira kien imexxih fit-triq tar-ruh. Ma kienx jonqos allura li sa minn ckunitu wera disposizzjoni kbira lejn il-hajja tar-ruh.



Id-devozzjoni lejn Marija Ssma kellha gheruq kbar fih u ma kienx ihalli jum wiehed biss jghaddi u ma jghidx it-talba ta' San Anselmu (Kuljum, kuljum nghanni lil Marija.) Xtaq li meta jmut, kopja ta' din it-talba tindifen mieghek. Il-karita' kienet virtu' li tispicca fih ghaliex minn flus kien jghin lill-foqra u l-umilta' ma kienitx thallih jippretendi xi privileggi bhala princep. Ta' hmistax il-sena missieru nkarigah imexxi armata biex jinvadi l-Ungerija halli jnehhi mis-setgha' lir-re Matthias Covinus u jilhaq minn floku hu.

Izda l-ingustizzja li ra li kien ser iwettaq ma hallitux ikompli bil-pjan tieghu. Mill-1479 sa l-1483, San Każimiru ggverna l-Polonja flok missieru li kien mar il-Litwanja. Il-Pollakki kienu jaraw fih raġel twajjeb u rett, u kienu jħobbuh ħafna. Perezz li hu kien ghamel vot tac-celebat irrifjuta li jizzewweg lit-tifla ta' l-imperatur Federiku li missieru hajru ghaliha. Rikeb il-marda tat-tizi u meta kellu biss 25 sena miet fl-4 ta' Marzu 1484. Huwa Patrun tal-Polonja.